

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/904

tas-17 ta' Diċembru 2014

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fi programmi tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu flimkien mal-Artikolu 218(5) u (7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Ġunju 2007 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija min-naħa l-oħra, <sup>(1)</sup> dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"),
- (2) In-negozjati ġew konklużi.
- (3) L-oġġettiv tal-Protokoll huwa li jstabbilixxi r-regoli finanzjarji u tekniċi li jippermettu lir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija tipparteċipa f'ċerti programmi tal-Unjoni. Il-qafas orizzontali stabbilit mill-Protokoll jikkostitwixxi miżura ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika li tippermetti aċċess għall-għajnuna, b'mod partikolari għall-għajnuna finanzjarja, li għandha tiġi pprovduta mill-Unjoni skont il-programmi tal-Unjoni. Dan il-qafas japplika biss għal dawk il-programmi tal-Unjoni li għalihom l-atti legali kostituttivi rilevanti jippermettu l-possibbiltà li r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija tipparteċipa. L-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għalhekk ma jinvolvu l-eżerċizzju tas-setgħat taħt id-diversi politiki settorjali segwiti mill-programmi, li jiġu eżerċitati meta jiġu stabbiliti l-programmi.
- (4) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat fisem l-Unjoni, u jiġi applikat fuq bażi provviżorja sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar fisem l-Unjoni, ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsejmi Protokoll.

(<sup>1</sup>) ĠUL 265, 10.10.2005, p. 2.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa tal-firma tal-Protokoll fisem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu, <sup>(1)</sup> sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tistabbilixxi, fisem l-Unjoni, it-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija f'kull programm partikolari tal-Unjoni, partikolarment il-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill mgħarraf.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. L. GALLETTI

---

<sup>(1)</sup> Id-data tal-iffirmar tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.